

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Reġistri - Kummerċjali, Dwar L-insolvenza U Tal-artijiet](#) > [Reġistri Tal-artijiet Fil-pajjiżi Tal-UE](#) > Sweden

Reġistri tal-artijiet fil-pajjiżi tal-UE

Il-kontenut ipprovdut minn Svezja

Svezja



Din it-taqsimha tagħtik ħarsa ġenerali lejn ir-reġistru tal-artijiet Żvediż, li fih ħames partijiet integrati.

X'joffri r-reġistru tal-artijiet Żvediż?

Ir-reġistru tal-artijiet, li jikkonsisti f'diversi partijiet differenti, huwa reġistru nazzjonali użat għal diversi skopijiet. Jipprovdni informazzjoni dwar:

- proprjetà immobbli u unitajiet ta' proprjetà konġunta
- diviżjonijiet amministrattivi
- indirizzi tal-post
- erja ġeometrika tal-proprjetajiet - mapep katastali
- sjeda
- piżijiet u reġistrazzjonijiet
- ipoteki
- servitujiet u użufrutt
- regoli tal-pjanti u l-użu tal-art
- monumenti antiki
- miżuri ta' tqassim tal-art eċċ.
- drittijiet ta' emfitewżi
- kronoloġija
- bini
- informazzjoni dwar it-taxxa fuq il-proprjetà
- eċċ.

Ir-reġistru tal-artijiet huwa ġestit minn [Lantmäteriet](#) (l-Istħarriġ Żvediż dwar l-Artijiet)

L-aċċess għar-reġistru tal-artijiet huwa mingħajr ħlas?

L-informazzjoni mogħtija waqt żjarat personali jew permezz tat-telefon tingħata bla ħlas. L-informazzjoni tista' wkoll tintalab skont il-prinċipju tal-aċċess għad-dokumenti pubbliċi. Hemm tariffa għall-aċċess elettroniku għar-reġistru, minbarra s-servizz [Min fastighet](#) (il-proprjetà tiegħi), li huwa bla ħlas.

Kif tagħmel tiftix fir-reġistru tal-artijiet

Għadd ta' servizzi ta' tiftix elettroniku huma disponibbli direttament permezz tas-sit web tal-Istħarriġ dwar l-Artijiet jew permezz tal-[Lantmäteriets återförsäljare](#) (l-aġenti tal-Istħarriġ dwar l-Artijiet - elenkati fuq is-sit web tiegħu). Il-biċċa l-kbira tas-servizzi jeħtieġu abbonament minn qabel. L-aċċess isir permezz ta' servizzi online u diretti jew permezz tal-għażla u l-ipproċessar. Is-sit web tal-Istħarriġ dwar l-Artijiet joffri wkoll is-servizz

- [Il-proprjetà tiegħi](#): fiha informazzjoni dettaljata. Is-servizz huwa disponibbli biss għas-sid tal-proprjetà.

L-istorja tar-reġistru tal-artijiet Żvediż

L-istabbiliment tar-reġistru elettroniku beda fis-snin 1970, u l-ħażna sħiħa tal-informazzjoni tlestiet fl-1995. L-ambjent tekniku u, sa ċertu punt, il-kontenut tar-reġistru tal-artijiet evolwew gradwalment, kif ukoll il-mezzi ta' aċċess għalih. Hemm pjanijiet biex tiġi introdotta pjattaforma teknika ġdida fjamanta għar-reġistru tal-artijiet. Din il-ħidma bdiet u se tkompli fis-snin li ġejjin.

Links

[Is-sit web tal-Istħarriġ Żvediż dwar l-Artijiet](#) bl-Ingliż

■ L-aħħar aġġornament: 09/09/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.